# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

25.4.2007 PE 388.519v01-00

**EMENDA 112**

**Abbozz ta' rapport** **(PE 384.469v01-00)**
**Mojca Drčar Murko**
Ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel

Proposta għal regolament (COM(2006)0427 – C6-0259/2006 – 2006/0147(COD) - att li jemenda)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi tal-Parlament |
| --- | --- |

Emenda mressqa minn Edite Estrela

Emenda 112
Premessa 12

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi tal-Parlament |
| --- | --- |
| (12) Is-sustanzi ta' taħwir huma sustanzi li huma ddefiniti kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir. Għaddej programm ta' evalwazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir skond ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel. Skond dak ir-Regolament għandha tiġi adottata lista ta' sustanzi ta' taħwir fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' dak il-programm. Għandha tiġi ffissata skadenza ġdida għall-adozzjoni ta' dik il-lista. Il-lista se tiġi proposta ħalli tkun inkluża fil-lista li tissemma fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru. […]. | (12) Is-sustanzi ta' taħwir huma sustanzi li huma ddefiniti kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir. Għaddej programm ta' evalwazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir skond ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel. Skond dak ir-Regolament għandha tiġi adottata lista ta' sustanzi ta' taħwir fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' dak il-programm. Għandha tiġi ffissata skadenza ġdida għall-adozzjoni ta' dik il-lista, ***u wara dik l-iskadenza r-Regolament (KE) Nru 2232/96 ikun irrevokat.*** Il-lista se tiġi proposta ħalli tkun inkluża fil-lista li |

tissemma fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru. […].

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 tkun irrevokata b'din il-proposta, izda min-naħa l-oħra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2232/96 huwa d-Direttiva 88/388/KEE.*